# Il-Knisja Parrokkjali u r-Raħal ta' Ħal Għaxaq



Tagħrif miġbur minn Keith M. Fenech

## Daħla

Ħal Għaxaq huwa raħal imbiegħed mill-Belt Valletta 4 mili jew 6.4 kilometri, u huwa raħal imdawwar bil-ħdura tal-kampanja minn kullimkien. Jinsab bejn l-irħula tal-Gudja u ż-Żejtun, u għal snin sħaħ kien jagħmel sehem mill-matriċi ta' Santa Katarina taż-Żejtun. Dwar l-oriġini ta' l-isem tiegħu hawn ħafna xnigħat, iżda l-aktar tnejn bażiċi huma dawn:

- L-ewwel għidut jgħidu li l-isem ta' Ħal Għaxaq ġej mill-kunjom antik ħafna li għadna nsibuh sal-lum il-ġurnata, *Axiaq*.
- It-tieni jgħidu li l-isem ta' Ħal Għaxaq ġej mill-kelma għaxqa, li tfisser ġmiel u sbuħija.

Il-popolazzjoni ta' dan ir-raħal insibu li dejjem baqgħet tiżdied. Nafu li fl-1419, f'Ħal Għaxaq kienu jgħixu 144 persuna li l-biċċa l-kbira minnhom kienu bdiewa u sajjieda. Dan in-numru kiber ġmielu għax fis-sena 1911 kien hawn 1765 ruħ, fl-1961 kien hawn 2902 ruħ, u fl-1996 kien hawn 4030 ruħ. In-numru tal-popolazzjoni llum tlaħħaq l-4250 ruħ. L-istemma hi tarka fuq sfond tal-fidda bi tliet strixxi ħodor indaqs għall-wisgħa tagħha. Il-motto tar-raħal huwa *Leata Sustineo*, li jfisser Ħienja Nżommu.

## L-Ewwel Kappella ġewwa Ħal Għaxaq

L-ewwel kappella ġewwa Ħal Għaxaq inbniet fis-sena 1511, u kienet iddedikata lil Santa Marija. Tinfed magħha kien hemm kappella iżgħar, li fil-bidu kienet iddedikata lil San Girgor, iżda aktar tard bdew isejħulha tal-Madonna tar-Rużarju. F'dak iż-żmien ġewwa Ħal Għaxaq ma kienx hawn qassisin, u minħabba f'hekk il-kappella kellha ħafna nuqqasijiet. Quddiesa kienet issir darba fis-sena fil-festa ta' l-Assunta.




L-EWWEL KAPPELLA DDEDIKATA LIL MARIJA ASSUNTA F'ĦAL GĦAXAQ

A. Kappella ta' l-Assunta
B. Kappella tar-Rużarju
C. Sagristija
D. Ċimiterju
E. Artali

## Ħal Għaxaq isir Parroċċa

L-Għaxqin kienu ilhom juru x-xewqa sabiex ir-raħal ta' Ħal Għaxaq jinqata' minn ma' dak taż-Żejtun, iżda l-ewwel talba uffiċjali saret waqt li l-Isqof Balthassar Cagliares kien qed jagħmel ir-raba' żjara pastorali tiegħu lil tmint irġiel Għaxqin. Dak kien nhar l-20 ta' Marzu 1626. It-tieni talba saret fit-8 ta' April ta' l-istess sena, u l-ħolma ta' l-Għaxqin saret realtà fit-22 ta' April, meta Ħal Għaxaq inqata' minn maż-Żejtun u sar parroċċa għalih. Mill-ewwel kienu saru xi tibdiliet żgħar fil-kappella ,u l-ewwel kappillan kien ir-Rev. Mattew Schriha.

## L-Ewwel Knisja Parrokkjali

Għall-ħabta ta' l-1645, l-Għaxqin taw bidu għall-bini tat-tieni knisja tar-raħal, li però kienet l-ewwel knisja parrokkjali. Dan ġara minħabba li l-kappella l-oħra ma kinitx taqdi d-dmirijiet kollha tal-parroċċa, u għalhekk l-Għaxqin riedu knisja li tixraq lir-raħal tagħna.

Din il-knisja tlestiet xi 10 snin wara, eżattament fil-5 ta' Awissu 1655 u ġiet imbierka u ddedikata lill-Assunta. Din il-knisja kellha forma ta' salib Latin, kellha wkoll kappella u kor. Bħall-kappella ta' qabilha l-faċċata kienet tħares lejn il-Gudja.

Għall-ewwel din il-knisja kellu jkollha żewġ kampnari, iżda t-tieni wieħed, għalkemm kien mibni, xorta ma tlestiex. Però dan ġara minħabba l-fatt li l-




IL-KNISJA L-ĠDIDA TA' ĦAL GĦAXAQ KIF INBNIET MINFLOK IL-QADIMA

Għaxqin kellhom ix-xewqa u l-ħsieb li jibnu knisja ġdida.

## Il-Bini tat-Tieni Knisja Parrokkjali: Il-Knisja li Għandna Llum

### Il-Bini ta' Din il-Knisja

Għall-bidu tas-seklu 18, bosta rħula Maltin kellhom, jew kienu qegħdin jibnu, knisja ġdida, u l-Għaxqin kellhom l-istess xewqa, avolja huma kienu għadhom lanqas lestew dik li kellhom. Insibu wkoll li waqt żjara pastorali mill-Isqof Fra Gaspare Gori Mancin, l-Għaxqin kienu mħeġġin jibnu knisja ikbar, għax dik li kellhom fil-preżent ma kinitx kbira biżżejjed għall-popolazzjoni tal-post, li kienet tlaħħaq mat-840 ruħ. Dik il-knisja kienet tokkupa l-ispazju fejn illum hemm il-pulptu, sal-kor, bil-bieb ta' bar tagħha sa fejn illum hemm l-altar tal-kor.


*L-altar maġġur li tlesta fis-sena 1757*

L-ewwel ġebla tat-tielet knisja, il-knisja li għandna llum tqegħdet fl-20 ta' Diċembru 1733 mill-Isqof Fra Paolo Alpheran de Bussan taħt il-pilastru tan-naħa ta' l-Evanġelu. Ma nafux eżatt min kien il-perit ta' din il-knisja, iżda dan aktarx li kien Sebastino Saliba. L-imgħallem li ħa ħsieb kien ċertu Giovanni Bonavia minn Ħaż-Żabbar. Il-knisja għandha forma ta' salib Latin, u hija mibnija fuq stil barokk. Din il-knisja hija mibnija fuq l-istess art ta' dik ta' qabilha, bid-differenza li hija ferm akbar, u bil-bieb prinċipali jħares fl-oppost tal-knisja l-oħra, jiġifieri jħares lejn iż-Żejtun u mhux lejn il-Gudja.

Aktarx li r-raġuni għalfejn inbidlet id-direzzjoni hija li t-triq prinċipali ta' dak iż-żmien kienet tagħti lejn iż-Żejtun. Il-ħidma għall-kostruzzjoni tal-knisja tintrabat ma' Dun Anton de Giovanni, li meta irrinunzja għall-parroċċa fl-1743, meta l-kostruzzjoni kienet fl-aqwa tagħha, laħaq minfloku bħala Vigarju Kurat għal 5 snin Dun Cleardo Mamo. Wara 5 snin kif kien xieraq, hu ġie mlaħħaq kappillan tal-knisja.

L-Għaxqin ħarġu ħafna flus għall-bini ta' din il-knisja, u anki ħadmu bla ħlas, iżda l-flus xorta baqgħu problema kbira. Minn hawn 'il quddiem, il-prokuratur kien Dun Marċell Mallia. Bdew isiru xi ġabriet, anki minn barra r-raħal.

Insibu li fl-1737, il-kannerja ta' taħt il-kor tal-knisja, kienet diġà lesta, u fl-1745 kien tlesta l-kor tal-knisja u s-sagristija tal-lemin. Bejn l-1745 u l-1752, sar ammont kbir ta' xogħol fuq il-korsija, u l-kappelluni tal-knisja l-ġdida kienu diġà bdew jintużaw, filwaqt li ma kien fadal ebda bini mill-knisja l-qadima. Il-korsija kienet diġà waslet sa l-għoli tal-bibien fl-1752. Il-korsija kienet lesta u msaqqfa fl-1759, filwaqt li fl-istess sena nsibu li l-kannerja ta' taħt il-korsija kienet bdiet tintuża bħala ċimiterju, id-dar tal-kappillan kienet waslet sa l-ewwel sular, il-kampnar tan-naħa ta' l-Agunija kien tlesta, iz-zuntier kien lest ukoll, filwaqt li kien beda x-xogħol fuq il-koppla, u fuq il-faċċata tal-knisja.

Għalkemm li l-ewwel kampnar tlesta fl-1759, it-tieni wieħed tlesta fl-1852, kważi 90 sena wara. Dan ġara aktarx minħabba l-fatt li l-Għaxqin ma kellhomx il-ħsieb li jibnu kampnar ieħor. Il-knisja parrokkjali fiha kor, żewġ kappelluni, korsija, żewġ sagristiji, għaxar altari, u żewġ kampnari b'ħamest iqniepen. Il-kappillani li taħthom inbniet din il-knisja kienu Dun Mikiel Brancatus, Dun Anton de Giovanni, Dun Cleardo Mamo, li ra l-biċċa l-kbira tax-xogħol jitlesta, u Dun Arkanglo Farrugia, li taħtu saret il-konsagrazzjoni tal-knisja.

Xorta waħda jibqa' l-fatt li l-aktar bniedem li baqa' msemmi għall-bini ta' din il-knisja kien Dun Marċell Mallia, li llum nistgħu naraw kwadru tiegħu fis-sagristija, li kien sar fl-1796, flimkien ma' dak ta' Dun Toni De Giovanni, li kien kappillan li ħabrek ħafna għall- bini ta' dan it-tempju mill-isbaħ. Ħafna min-nies li batew fil-bini ta' din il-knisja, illum jinsabu midfuna fiċ-ċimiterju ta' taħt il-knisja. Hawnhekk wieħed għandu jista' jara fdalijiet ta' l-altar tal-kor tal-knisja ta' qabilha.

### Id-Daqs ta' din il-Knisja

Il-knisja ta' Ħal Għaxaq hija twila 158 pied, mill-altar tal-kor sal-bieb prinċipali. Il-wisgħa tagħha mill-altar ta' l-Agunija sa l-altar tar-Rużarju, huwa ta' 103 pied. Il-wisgħa tal-korsija prinċipali huwa ta' 27 pied.



PJANTA TAL-KNISJA TA' ĦAL GĦAXAQ

Meta tħares lejn it-tul ta' din il-knisja issib li meta nbniet kienet il-ħames l-ikbar knisja li kien hawn f'Malta u kienet tiġi wara dawk tal-Kon Katidral ta' San Ġwann (187), Sant'Elena ta' Birkirkara (177), il-Katidral ta' l-Imdina (170) u San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ (165).

Dan il-fatt żgur kien ta' unur kbir għar-raħal ta' Ħal Għaxaq, l-iktar meta tinnota li l-Għaxqin ta' dak iż-żmien kienu għadhom bdiewa u kienu jaqilgħu biċċa ħobż mir-raba', u li r-raħal kellu popolazzjoni ħafna iżgħar minn bliet u rħula Maltin oħra.

## Il-Qniepen tal-Kampnari, Pitturi u Ornamenti oħra li nsibu f'dan it-Tempju

Tul il-mitt sena, qabel ma fetaħ is-seklu għoxrin, l-ornamenti ta' din il-knisja baqgħu dejjem jiżdiedu. Kienu bosta n-nies li għenu biex l-altari ma jibqgħux tal-ġebel, u bil-mod il-mod, permezz ta' flus miġbura mingħand il-benefatturi Għaxqin, l-altari saru kollha ta' l-irħam.

Il-qanpiena l-kbira saret f'Ġenova minn Indrì Maggioli, swiet 3,600 skud, u waslet Malta f'Mejju tas-sena 1862. Din ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Pace Forno fit-30 ta' Lulju ta' l-istess sena. Żewġt iqniepen oħra saru wkoll f'Ġenova, mill-fabbrika ta' Buzzoli fl-1851. Dawn saru mill-Kappillan Dun Tumas Naudi. Dawn ġew ikkonsagrati fil-kuridur tal-Kon Katridral ta' San Ġwann mill-Isqof Sant. Qanpiena oħra saret bi flus il-Kappillan Dun Mikielanġ Brincat.

F'din il-knisja jinsab meqjum il-ġisem tal-martri



*Il-qanpiena l-kbira li saret f'Ġenova u waslet Malta f'Mejju ta' l-1862. Din il-qanpiena swiet 3,600 skud.*



*L-orgni tal-knisja li jinsab wara l-altar maġġur. Dan l-orgni tlesta fis-sena 1769.*

San Fidiel, mogħti minn Piju VI. Fil-ġenb ta' l-altar hemm lapida żgħira miġjuba mal-ġisem tal-qaddis miċ-ċimiterju ta' Santa Ciriaca ta' Ruma, li fuqha hemm il-kelmiet – *Fidelis, fidelis* li jixhdu li tabilħaqq dan hu l-isem proprju tal-qaddis.

Il-kwadru tat-Titular li jinsab fuq l-altar tal-kor li juri l-misteru ta' l-Assunzjoni tal-Verġni Marija, huwa attribwit lil Franġisku Zahra. Dan it-Titular sar fl-1745. Nafu wkoll li sar bi flus Dun Ġwann Zammit. Il-kwadri li juru l-Madonna tal-Karmnu, il-Madonna tar-Rużarju u lil Sant'Andrija, huma xogħol ta' Ġużeppi D'Arena. Il-kwadretti ta' l-Irxoxt, Qalb ta' Ġesù u ta' Marija huma xogħol Rokku Buhagiar. Barra dawn insibu l-kwadri ta' San Ġużepp, ta' l-Agunija, u oħrajn.

Il-pittura tas-saqaf tal-korsija, kienet ilha ħafna biex titlesta, u fil-fatt kienet inbdiet mill-pittur Vella. Il-pittura tas-saqaf tal-korsija inkixfet nhar il-15 ta' Awissu 1965, u din hija xogħol il-Kavallier Emvin Cremona. Hija maqsuma fi tliet kwadri prinċipali, li juru t-twelid tal-Madonna, it-Tħabbir lill-Madonna mill-Arkanġlu Gabriel u ż-Żjara tal-Madonna lil Santa Elizabetta.

Fil-ġenb ta' dawn it-tliet kwadri prinċipali, hemm figuri tal-Madonna ta' l-Antik Testment, u xi simboli oħra li l-knisja tapplika mal-Madonna. Il-pittura ta' fuq il-bieb prinċipali turi lil Marija Immakulata tisħaq ras is-serpent, u fil-ġnub jidhru Adam u Eva.

F'din il-knisja hemm is-sett tradizzjonali tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira, li f'dawn l-aħħar snin qiegħed isir ħafna restaw fuqhom. Il-biċċa l-kbira tax-xogħlijiet, minn dan is-sett huwa ta' Peppi Vella, u saru bejn is-sena 1831 u s-sena 1865. Id-Duluri hija x-xogħol ta' Karlu Darmanin, u saret fl-1851, u l-monument inġieb lest minn Ruma.

Tul dawn l-aħħar sentejn, il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ħadet żvolta kbira 'l quddiem bl-introduzzjoni ta' numru sabiħ ta' suldati u personaġġi bibliċi li jilbsu lbies mill-isbaħ.

Hemm ukoll żewġ xogħlijiet ta' Mastru Xand Vella

li huma, il-Madonna tar-Rużarju, li saret fl-1823 u l-Madonna ta' l-Għajnuna, li saret fl-1861. F'din il-knisja wieħed jista' jitpaxxa bil-ġmiel ta' żewġ statwi ta' qaddisin oħra, li huma l-istatwa tal-festa tat-Titular li hija dik ta' Santa Marija, u l-istatwa tal-festa sekondarja li hija dik ta' San Ġużepp.

## Il-Knisja Kkonsagrata

Jum il-konsagrazzjoni ta' knisja żgur li huwa l-aktar mument importanti u memorabbli fil-ħajja tal-parroċċa. Dan kien nhar it-2 ta' Mejju 1784, u kienet ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Vincenso Labini. F'dan il-jum glorjuż, il-poplu Għaxqi kien irregala lil Alla dan it-tempju li fih ħadem, bata u għamel sagrifiċċju għalih għal 50 sena sħaħ.

Sfortunatament dwar il-konsagrazzjoni ta' din il-knisja m'hemm xejn dokumentat. L-uniku tifkira ta' din il-konsagrazzjoni hija rħama kommemorattiva li hemm mal-pilastru tal-lemin, tħares lejn l-altar maġġur, li x'aktarx twaħħlet f'dawk iż-żminijiet skond id-drawwa biex ifakkru dan il-jum. Fuq din l-irħama kommemorattiva nsibu mniżżel hekk:

*"L-illustru u reverendissmu Dun Vincenz Labini, Isqof ta' Malta, żied il-qima u kkonsagra biż-żejt tal-Griżma dan it-tempju ddedikat lil Alla, ad unur tal-Verġni Marija Imtella' s-Sema, nhar it-2 ta' Mejju 1784 u waqqaf it-2 Ħadd fuq l-Għid bħala jum ta' tifkira"*

Nistgħu nibqgħu ċerti li l-maġġoranza tal-poplu Għaxqi kien ilaħħaq ma' l-1,000 ruħ, kienu miġbura mal-Kleru tagħhom u madwar l-Isqof Labini, jassistu għal dak il-mument sabiħ tal-konsagrazzjoni tal-knisja.



**Wieħed mit-tnax-il Salib tal-Konsagrazzjoni. Il-knisja ġiet ikkonsagrata nhar it-2 ta' Mejju 1784.**

## Kappelli Oħra li Nsibu f'dan ir-Raħal

### San Filippu Neri

Il-knisja ta' San Filippu Neri, li hija benefiċċjali u guspatronat tas-sekulari, qegħda ftit 'il bogħod mill-knisja parrokkjali.

Din il-knisja, li hija knisja ħelwa ħafna, għandha koppla u fil-faċċata għandha portiku żgħir. Meta tħares għal ġewwa wieħed jista' jara s-sbuħija ta' din il-knisja li għandha bosta skultura u ndurati lewn id-deheb. Din il-knisja ttellgħet bi flus is-saċerdot Dun Ġwann Filippu Zammit Mifsud li twieled fl-1700, minflok żewġt ikmamar li kienu proprjetà tiegħu stess. Il-bini ta' din il-knisja nbeda fl-1761, u ntemm fit-3 ta' Lulju 1762, fuq disinn tal-Perit Saliba.

Din il-knisja ġiet imbierka fid-29 ta' Mejju 1763, mill-istess fundatur li miet fid-9 ta' Diċembru 1782, u ġie midfun f'din l-istess kappella. Il-kwadru ewlieni huwa ta' mertu artistiku, u sar fl-1763.

Dun Ġwann kien ħabib ta' ħafna kavallieri ta' San Ġwann, u bis-saħħa tagħhom irnexxielu jaffilja din il-knisja mal-Bażilika ta' Sdan Giovanni Laterano ġewwa Ruma, u allura l-kappella ngħatat it-titlu ta' Bażilika fl-1763, u tgawdi l-istess privileġġi.

### Il-Kappella tar-Redentur

Il-knisja tar-Redentur hija devota u magħrufa ħafna, imsejħa l-iktar bħala ta' Santu Kristu. Dwar din il-knisja jingħadu ħafna qlajjiet dwar kif oriġinat.

Jgħidu li l-ewwel li ħareġ bl-idea, kien Mikielanġ Zammit fl-1806. Huwa ried li jressaq lejn dan ir-raħal id-devozzjoni lejn il-passjoni ta' Ġesù, billi jibni niċċa fit-triq ewlenija sewwa sew fil-quċċata tar-raħal. L-idea tiegħu kompliet tissaħħaħ meta xi jiem wara, waqt li kien għaddej mill-istess triq, inqaleb bil-karrozzella, u ma ġralu xejn.

Waħħalha f'rasu li jibni żewġ niċeċ, waħda tar-Redentur, u l-oħra tal-Veronika. Immedjatament staqsa lil Ġan Marì Abela, mill-istess raħal, biex isiblu biċċa art bla ħlas, u wara fl-1807 bis-saħħa tal-bennej Mastru Pawl Cassar ipprepara n-niċċa tar-Redentur, li saret fl-1808 mill-alliev ta' Marjanu Ġerada, Mastru Pawl Cassar minn Bormla. Fortunatament inqala' ieħor biex jagħmel in-niċċa tal-Veronika minn butu.

Il-ħsieb ta' din il-knisja ġie lil Dun Ġużepp Demicoli mheġġeġ minn għadd ta' benefatturi. L-ewwel ġebla ta' din il-knisja tqegħdet fis-17 ta' Ottubru 1852, u kienet imbierka seba' snin wara, fil-25 ta' Settembru tas-sena 1859. Din il-knisja hi meqjusa li qamet 12,000 skud, li 7,000 minnhom ġew mill-ġbir tal-poplu. Din il-knisja għandha koppla, flimkien ma' żewġ kampnari żgħar, wieħed f'kull naħa.

**Referenzi**


- Il-Knisja ta' Ħal Għaxaq 200 Sena Kkonsagrata – *Parroċċa ta' Ħal Għaxaq*
- *Leħen il-Kunsill* – Kunsill Lokali
- Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi Tagħhom – *PIN*